MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 294/2004

GO p.l.c. C 22334

vs

Charles Dimech ID 97059(M)

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mis-socjeta’ attrici fis-27 ta’ April, 2004, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenut fis-27 ta’ April, 2002 ikkaguna hsara fuq cables, fi Triq Bonavia, San Giljan, appartenenti lis-socjeta’ attrici;

Illi dawn il-hsarat ikkawzaw danni lis-socjeta’ attrici ammontanti ghal ghaxar telef, mitejn u disgha liri u tnejn u sebgha u disghin centezmu (LM10,209.97);

Illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont fuq indikat, rapprezentanti ammont dovut bhala xoghol u materjal sabiex tissewwa l-hsara fuq citata;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta' attrici qieghda tipprezenta ma din ic-citazzjoni affidavit guramentat skond l-artikolu 167 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok A);

Illi ghakemm interpellat biex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti u ma hallas xejn;

Talbet li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni;
2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' ghaxar t'elef, mitejn u disgha liri u tnejn u sebgha u disghin centezmi (LM10,209.97) rappresentanti ammont dovut bhala xoghol u materjal sabiex tissewwa l-hsara fuq citata;

Bl-ispejjez tal-prezenti proceduri u bl-interessi legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Charles Dimech, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi l-konvenut ikkawza l-hsarat kif qed jigi allegat izda kienu mpjegati tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma li kkawzaw il-hsarat allegati;
2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u f'kull kaz ghandu jigi pruvat skond il-ligi;
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tal-konvenut Charles Dimech;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Charles Dimech, li in forza taghha huwa eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma preskritti bit-trapass ta' sentejn mid-data ta' meta saret l-allegazzjoni hsara u dana ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tal-konvenut Charles Dimech;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti u rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti sejra tibda sabiex tikkkunsidra l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut tal-preskrizzjoni. Il-konvenut ikkontenda illi l-kawza giet intavolata fis-27 ta' April 2004 meta il-hsarat saru fis-26 ta' April 2002 u ghalhekk tapplika il-preskrizzjoni tas-sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Illi l-Qrati taghna dejjem irritennew illi il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta' l-Ordinanza VII tal-1868 (dak li illum hu l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili) hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri dawk li gejjin mhux minn inadempjenza ta' obbligazzjoni imma 'ex delictu vel quasi'. Meta d-danni huma 'ex contractu' ghax gejjin minn vjolazzjoni ta' obbligazzjoni, l-preskrizzjoni hija dik ta' hames snin u mhux ta' sentejn.

Illi il-preskrizzjoni ta' ghemil illecitu li ma jammontax ghal reat hija dik ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 2153.

Illi l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 jistablixxi illi l-perjodu ta' preskrizzjoni ma jibdiex jiddekorri hlief minn dakinhar li l-

azzjoni relattiva tkun tista tigi ezercitata. Ghalhekk il-Qorti trid tara meta twieldet l-azzjoni attrici. Il-Qorti f'dan is-sens rat sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet Helen Schembri et vs Anthony George Zahra noe deciza fid-29 ta' April, 2005.

Illi ghall-finijiet ta' l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 iz-zmien li fih l-azzjoni ghandha tinbeda jiddependi minn cirkostanzi oggettivi u mhux minn dak li jahseb l-imgarrab u certament in-nuqqas ta' gharfien tal-ligi mhuwiex raguni valida biex jinghad li l-azzjoni ma setghetx issir qabel.

Ikkunsidrat :

Illi Victor Busuttil ghall-korporazzjoni attrici xehed illi s-socjeta' attrici saret taf bid-danni fis-27 ta' April 2002 u il-gurnata kienet is-Sibt, izda ix-xhud assuma li l-hsara saret fil-gurnata ta' qabel, cioe' fis-26 ta' April 2002. Madanakollu, dan ma iffissirx li l-azzjoni relattiva setghet tibda tigi ezercitata mis-26 ta' April 2002, u dana peress li ma tressqet l-ebda prova illi is-socjeta' Go plc saret taf bil-hsarat allegata fis-26 ta' April, 2002.

Illi l-konvenut qal illi l-hsara saret gimgha qabel is-27 ta' April 2002 izda ma ressaq l-ebda prova f'dan is-sens. Huwa ressaq lil Peter Bonello, Sindku ta' San Giljan, izda Bonello ma ftakarx meta sehhet il-hsara.

Illi PS1492, prodott mill-konvenut, ikkonferma illi r-rapport sar fis-27 ta' April 2002. Huwa mar fuq il-post dakinhar. Ghalhekk il-korporazzjoni Go plc ipprezentat ic-citazzjoni fit-terminu tas-sentejn u ghalhekk il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Illi dwar il-mertu, il-Qorti rat illi s-socjeta' attrici ressqet il-prova tad-danni ,u dan kif jirrizulta minn fol. 47 sa fol. 52 tal-process.

Illi l-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' Carmel Azzopardi impjegat mas-socjeta' attrici bhala technician, illi xehed illi fis-27 ta' April 2002 giet ikkawzata hsara lill-cables tas-socjeta' GO, liema cables kienu jinsabu fi Triq Bonavita San Giljan.

Huwa xehed illi din il-hsara giet ikkawzata mill-konvenut li kien gie imqabbad biex jahdem mis-socjeta' Asfaltar Limited. Huwa xehed illi s-socjeta' attrici ma gietx mitluba taghti l-permess taghha sabiex dan ix-xoghol ikun jista isir u lanqas ma intalbet tassisti billi timmarka il-post fejn kienu jinsabu il-cables. Effettivament, fi Frar 2002 il-konvenut kien mar ikellem lis-Sur Victor Busuttil, Senior Technician mas-socjeta' attrici, u dan sabiex is-socjeta' attrici tibghatlu haddiema biex jimmarkaw il-cables li kien hemm fi Triq Bonvita u Triq Balluta f'San Giljan. Carmel Azzopardi xehed illi fis-27 ta' Frar 2002 kien mar fuq il-lant fejn il-konvenut ried jahdem u immarka distanza ta' cables sabiex ikun jista jahdem. Huwa baqa jaghmel hekk sat-8 ta' Marzu 2002 meta kien gie infurmat mill-konvenut li f'dak l-istadju ix-xoghol kien ser jieqaf u li meta kien ser jerga jibda kellu jikkuntattjah sabiex ikunu jistghu ikomplu jaghmlulu il-marki ta' min fejn kien ghaddej il-cable. Azzopardi xehed illi l-konvenut kien jaf tajjeb x'kienet il-procedura korretta peress li ma kienitx l-ewwel darba li kien ghamel xoghol simili, izda il-konvenut baqa qatt ma avvicinah u qatt ma infurmah li kien rega' beda bix-xoghol. Azzopardi xehed illi meta jmur oversear tas-socjeta' attrici fuq il-post, bi qbil ma kuntrattur, jimmarka d-distanza tal-cable bizzejjed sabiex din ma tkunx tista tintlaqat u il-kuntrattur ikun jista jahdem. Ma tigix immarkata d-distanza kollha tal-cable ghaliex iz-zebgha tista tmur bl-elementi u ghalhekk issir ftit ftit, pass pass mal-hidma tal-kuntrattur.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut ipprova jixhet id-dubbju illi ma kienx hu li ghamel il-hsara peress li kien hemm haddiema tad-dranagg jahdmu dakinhar, izda dan gie michud minn Peter Bonello Sindku ta' San Giljan.

Illi l-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 ighid illi :

“Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu” u ghalhekk gar ma jistax jehles mir-responsabilita li jnehhi l-kawza ta' hsarat fil-fond tieghu anke jekk ghal tali hsarat jkun qed jikkontribwixxi l-fatt ta' haddiehor. Il-Qorti rat is-

sentenza taghha moghtija fit-28 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet Henry Gatt vs Charles Camilleri.

Illi l- Artikolu 1032 tal-Kap. 16 jghid hekk :

"Jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja."

Illi gie ritenut illi sabiex iwaqqa l-presunzjoni tal-htija konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi:

1. l-accident jew il-fortuwitu bhala kawza ta' hsara; u
2. in-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u immedjata tal-hsara.

Illi hija gurisprudenza kostanti illi f'materja ta' danni biex ikun hemm lok ghar-responsabilita tad-danni hemm bzonn li min jitlobhom jipprova mhux biss l-att jew l-ommissjoni kolpuza imma li dak l-att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti.

Illi l-fatt biss tad-dikjarazzjoni jew ammissjoni tar-responsabilita ghad-danni ma jfisirx bilfors li d-danneggjant ghandu jaghmel tajjeb ghal kull dannu pretiz. Hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk.

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenut ma infurmax lis-socjeta' attrici illi kien ser jahdem fil-post, sabiex is-socjeta' attrici tibghat rapprezentant sabiex jimmarka fejn hemm ghaddejin il-cables tat-telephone qabel mal-konvenut beda jhaffer, u ghalhekk bl-agir tieghu il-konvenut ma uzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb ta' familja kif trid il-ligi.

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jirrizulta fuq bilanc ta' probabbilita illi kien il-konvenut odjern illi ikkawza il-hsarat in kwistjoni.

Illi l-konvenut stess, meta xehed fis-17 ta' April 2007, qal illi kien gie inkarigat sabiex jaghmel trinka ghal main ta' l-ilma ghal Water Works fiz-zona ta' fejn sehhew il-hsarat mertu ta' din il-kawza u l-istess konvenut ammetta li dakinhar li sehhew il-hsarat kien hemm l-ingenji tieghu fuq il-post. Dan jorbot max-xhieda ta' Victor Busuttil illi qal illi meta wkoll mar fuq il-post is-Sibt filghodu kien hemm zewg haddiema li qalulu li kienu haddiema ma Charles Dimech.

Illi dan kollu juri illi l-konvenut ma kienx veritjier meta xehed fis-17 ta' April 2007 illi meta sehhu id-danni in kwistjoni huwa kien ilu li lesta il-hidma tieghu minn fuq il-post diversi jiem qabel, ghaliex li kieku dan kien veru, ma kienx ikun hemm il-haddiema tieghu u l-ingenji tieghu fuq il-post fejn sehhew id-danni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-"quantum" tad-danni pretizi, is-socjeta' attrici esebiet prospett dettaljat immarkat Dok RC 1 iffirmat mill-Inginier R Cuschieri u dan il-prospett ma gie fl-ebda stadju b'xi mod attakkat mill-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet plc vs Carmel Vella Limited, deciza fis-7 ta' Mejju, 2004 fejn il-Qorti qalet :

"Is-socjeta` konvenuta kellha ghalhekk b'dover taccerta ruhha fejn kienu l-cables tas-socjeta` attrici qabel ma tibda x-xoghlijiet. Jekk xejn biex tigi assikurata bl-appozitu immarkar fit-triq minn fejn kienu ghaddejjin il-cables midfunin taht l-art. Immarkar dan essenzjali li ried isir mill-impjegati tal-Maltacom."

Illi permezz ta' sentenza ohra, il-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet GO plc vs Schembri Infrastructures Ltd gja General Road Servicing Ltd qalet illi :
"L-esperjenza tghallem illi xoghol bhal dan hu wiehed riskjuz u wkoll potenzjalment perikoluz sia ghall-inkomulita

tal-persuni li jkunu qed jezegwixxu ix-xoghol ta' skavar, sia ghall-proprjeta ta' terzi. Il-prezenza ta' dan ir-riskju tghabbi fuq spallejn il-kuntrattur l-obbligu ta' dak id-dover li jezercita attenzjoni fi grad ferm izjed gholi. Li iffisser, allura, li jinkombi dejjem fuqu li jottempera ruhu fedelment mal-kundizzjonijiet tal-permess rikaxxjat lilu u li jiehu il-mizuri prekawzjonali determinanti ghall-iskansar tad-dannu, personali u materjali ...."

Illi din il-Qorti kif presjeduta kienet f'sentenza anterjuri taghha irrilevat illi :

"L-immarkar ma huwiex xi uzanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jigi individwat b'akkuratezza il-lok fejn tkun posizzjonata l-infrastruttura, u b' hekk jigi skongurat skavar bl-addocc." (Maltacom plc vs Anthony Vella et, 15 ta' Novembru, 2006).

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut mhux talli ma ghamilx hekk, izda naqas milli jinforma lis-socjeta' attrici, kif kellu jaghmel, dwar il-fatt illi kien ser ikompli ix-xogholijiet tieghu wara li kien waqaf mix-xogholijiet f'Marzu 2002, u b'dan il-mod is-socjeta' attrici ma setghetx tkompli bl-immarkar ta' l-infrastruttura sotteraneja taghha u kien ghalhekk illi gew ikkagunati id-danni in kwistjoni.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf sebgha mija tnejn u tmenin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€23,782.83), ekwivalenti ghal ghaxar telef mitejn u disa liri u sebgha u disghin centezmu (LM10,209.97); bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------